MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 967/2006

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Jimmy Bugeja**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ sebgha u sebghin  Lira Maltin u  sebgha u tmenin centezmu (LM77.87)   rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skond Client Contract Number 1002382 in rigward ghal servizzi lilu resi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Mejju 2005 u April 2005.

B-Ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Settembru, 2006 dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att u bl- imghaxijiet

sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut lli huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata mill-PL Peter Sammut fl-10 ta' Jannar, 2007 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi kif mitluba .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------